MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2015

Appell Civili Numru. 301/2010/1

**PAUL PACE, COLIN GALEA, GEORGE SALIBA U MARIA CUTAJAR**

**Vs**

**STEVE MALLIA U ARIADNE MASSA**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza tas-17 ta' Settembru 2012, fejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*"Il-Qorti:-*

*Rat l-avvizipprezentat fit-23 ta' Awwissu 2010 mir-rikorrenti fejn huma tallbu lill-Qorti tikkundanna lill-intimati ihallsu lir-rikorrenti jew min minnhom is-*

*somma li tigi hekk likwidata mill-Qorti in linea ta' Danni a tenur tal-Kap.248 tal-ligijiet ta' Malta sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza ta' malfama lilhom jew lil min minnhom arrekata bl-artikolu intitolat "**Patients swindled in scam – top MUMN official investigated"** illi deher fl-ewwel pagna tal-harga ta' nhar il-Hadd 22 ta' Awwissu 2010 tal-gurnal 'The Sunday Times', liema rapport huwa inveritjier u malafamanti fil-konfront ta'l-atturi u huwa intiz biex jesponi lill-atturi ghad-disprezz u r-redikolu tal-pubbliku.*

*Bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti, huma jew min minnhom, minn issa ingunti ghas-subizzjoni.*

*Rat in-nota ta'l-eccezzjonijietipprezentata mill-intimati Steve Mallia u Ariadne Massa fis-6 ta' Settembru 2010 fejn laqgha ghat-talbiet attrici billi eccepixxa:-*

1. *Illi l-artikolu odjern ma jallega xejn fil-konfront t' l-atturi u cioe' mhumwiex identifikabbli bhala l-persuna li giet allegatament libellata fl-artikolu;*

2. *Illi, in subsidium, l-artikolu odjern qieghd biss kronaka gusta u informattiva, minghajr sensazzjonalizmu, dwar rapport li sar mid-Dipartiment tas-Sahha u Inkjesta sussegwenti li qieghda issir mill-Pulizija dwar kaz ta' allegazzjonijiet u frodi fuq pazjenti ta'l-isptar Mater Dei, haga ta' interess pubblika;*

*Rat l-artikolu meritu tal-kaz odjern, ossija l-artikolu fil-facata ta' The Sunday Times tat-22 ta' Awwissu 2010, u partikolarment it-titolu b'ittri kbar 'Patients swindled in scam' u is-sotto titolu f'ittri izghar 'Top MUMN official investigated'.*

*Rat ix-xhieda ta' Colin Galea moghtija fl-1 ta' Dicembru 2010 u, in kontro-ezami, fl-24 ta' Ottubru 2011, illi stqarr illi huwa Segretarju Generali tal-Malta*

*Union of Midwives and Nurses, komunement maghrufa bhala MUMN, liema kariga ilu jokkupa ghal dawn l-ahhar erbaghatx (14)-il sena. Huwa qal illi huwa wiehed mill-erbgha ufficjali gholjin tal-Union, peress illi t-tlieta l-ohra huma l-President, li hu Paul Pace, il-vici-president, li hija Maria Cutajar u s-segretarju finanzjarju, illi hu George Saliba.*

*L-MUMN hija union affiljata ma diversi entitajiet ohra, kemm lokali kif ukoll internazzjonali u hija registrata ufficjalment mar-Registru tal-Unions. Il-Union hija strutturata permezz ta' Kunsill, illi fiha hemm l-erba ufficjali gholja gia fuq ismemmija flimkien ma' hames membri ohra. Imbaghad hemm erbghatax-il kumitat li jaqghu taht tlett kategoriji, jigifieri sotto-kumitati, ossija 'Industrial Executive', 'Social Executive' u 'Education Executive'. Il-Union ghandha wkoll web-site illi turi l-informazzjoni kollha taghha u kif inhi strutturata il-Union.*

*Dwar il-kaz in ezami, Galea stqarr illi ebda mill-ufficjali gholja fuq imsemmija ma qatt kienu involuti f'xi skandlu l-isptar. Jirrizulta izda illi wara li ghamel l-istharrig tieghu, irrizulta li wiehed mic-Chairman ta' wahda mill-erbghatax-il kumitat fuq imsemmija, certu nurse illi jismu Alex Manche, kien qieghed jigi investigat dwar allegazzjonijiet illi saru u li semmew l-intimati.*

*Galea qal illi dakinhar illi harget l-istorja, huwa kien imsiefer. Huwa gie mgharraf minn Paul Pace, illi cempillu dwar l-istorja filghodu u staqsieh jekk hu, jew iz-zewg ufficjali ohra, kienu qed jigu investigati. Apparti minn hekk, huwa ircieva hafna telefonati, kemm minn membri tal-Union kif ukoll minn persuni ohra, illi staqsewh dwar l-allegazzjonijiet illi kienu qed isiru u jekk dana kienx jinvolvi xi wiehed mill-ufficjali. Sussegwentement, l-Union irceviet anke ittri minghand Unions affiljati li talbu spjegazzjonijiet dwar l-allegazzjonijiet illi kienu qed isiru.*

*Rat ix-xhieda ta' Paul Pace moghtija permezz ta' affidavit, u fil-kontro-ezami tieghu illi sar fl-24 ta' Ottubru 2011 fejn huwa stqarr li huwa ghandu il-kariga ta' president fil-MUMN, apparti l-kariga ta' Segretarju Generali tal-FORUM u tal-Ghaqda Unions Maltin. Huwa stqarr illi l-artikolu meritu tal-kawza odjerna*

*kellu impatt qawwi kemm mal-pubbliku in generali, kif ukoll mal-gurnalisti kollha u ma' l-awtoritajiet gholja tal-pajjiz, peress illi attakat l-integrita ta' l-ufficjali tal-MUMN. Huwa sahaq illi dak iz-zmien kienet ghaddejja kwistjoni tahraq bejn il-Gvern u l-MUMN li kienet wasslet ghal azzjonijiet industrijali u l-artikolu kellu impatt negattiv fuq tali negozjati. In fatti, Pace zied ighid, kellha tinhareg stqarrija ghall-Istampa sabiex l-allegazzjonijiet jigu michuda u kellhom jigu imwiegba diversi mistoqsijiet.*

*Pace ikompli jghid illi peress illi, fil-kariga tieghu fi hdan l-MUMN, huwa wiehed mill-gudikanti fuq diversi tenders li jinvolvu apparat li jinxtara ghall-isptar u li jintuzaw mill-infermiera, l-artikolu kellu impatt negattiv hafna fuqu. Apparti minn hekk, l-MUMN kellha tirtira l-kandidtaura ta' Pace mill-post ta' Vic-President fi hdan il-European Federation of Nurses, peress illi l-artikolu kien ghamel hsara kbira anke fi hdan il-Federazzjoni. L-artikolu kellu wkoll impatt negattiv mal-International Council of Nurses, li kienet torganizza konferenza ta' 3,500 ruh f' Malta, peress illi l-MUMN li qieghda torganizza tali konferenza f' Malta, kellha tispjega li ma kien minnu xejn dak imnizzel fl-artikolu.*

*Pace stqarr illi dakinhar illi ra l-artikolu, huwa minnufuh cempel lill-intimata Ariadne Massa, illi fil-passat kien ikkomunika maghha fuq kwistjonijiet ohra, sabiex jghdilha illi hadd mill-ufficjali gholja tal-MUMN ma kienu involuti f'ebda skandlu. Madanakollu, Massa, filwaqt illi kkonfermat illi hadd mill-ufficjali gholja tal-MUMN kif ukoll tal-Kunsill ma kien involut, sahqet illi l-persuna involuta kienet ufficjal tal-MUMN peress illi huwa Chairman tal-Kumitat tal-Mater Dei.*

*Pace kompla jghid illi dakinhar illi harget l-istorja, huwa ma kien jaf xejn dwar investigazzjonijiet illi kienu ghaddejjin u ebda ufficjal jew infermier ma kien involut jew infurmat dwar tali investigazzjonijiet u kien biss meta il-Ministeru tas-Sahha hareg Stqarrija ghall-Istampa fejn gharrfet illi ser tinbeda investigazzjoni, liema Stqarrija harget wara dik tal-MUMN, illi sar jaf li kien hemm investigazzjoni. Madanakollu, kien biss jiem wara li harget l-istqarrija illi huwa sar jaf x'kienet l-investigazzjoni, liema investigazzjoni kienet tinvolvi*

*certu Alex Manche, nurse illi ma huwiex membru tal-Kunsill izda biss Chairman tal-Kumitata tal-Mater Dei.*

*Pace fnalment stqarr illi ghalkemm ma kienx fl-interess tieghu illi jistharreg dwar l-invetsigazzjonijiet illi kienu qed isiru, huwa vverifika ma' dana Alex Manche dwar x'kien qed isir u jekk kienx gie interrogat u dana stqarr mieghu illi, sa meta xehed Pace quddiem din il-Qorti, jigifieri erbghatax-il xahar wara li harget l-istorja fuq il-gazzetta huwa kien ghadu ma giex interrogat mill-Pulizija.*

*Rat ix-xheida ta' Maria Cutajar moghtija permzz ta' affidavit fejn stqarret illi hija Vici-President tal-MUMN u li stqarret illi hija kienet ixxukkjata bil-kontenut ta'l-artikolu u kienet irceveit diversi telefonati minn membri ta' assocjazzjonijiet differenti sabiex jindagaw x'kien attwalment qed jigri. Apparti minn hekk, kemm hi, kif ukoll ir-ragel taghha, illi kien jahdem fl-Isptar Mater Dei ukoll, lkoll gew mistqosija minn kollegi taghhom dwar dak illi kien gie rappurtat fil-gazzetta.*

*Xehed ukoll George Saliba permzz ta' affidavit illi stqarr li hu s-Segretarju finanzjarju u filwaqt li ikkonferma dak li qalu l-ufficjali gholja l-ohra tal-MUMN, huwa stqarr illi kien imsiefer meta gie ippubblikat  l-artikolu izda sar jah biha peress illi cemplulu diversi membri tal-MUMN jistaqsu dwar il-kontenut ta'lartikolu, u huwa ma kienx jaf dwar il-kwistjoni.*

*Fit-8 ta' Gunju 2011, r-rikorrenti iddikjaraw illi huma ma kienx fadlilhom aktar provi x'jipprezentaw.*

*Xehdet Ariadne Massa fis-16 ta' Jannar 2012, fejn sahqet illi hija saret taf illi kien hemm'scam' gewwa Mater dei, liema fatt hija saret taf il-gimgha ta' qabel ma ppubblikat l-artikolu. Hija kienet sussegwnetement saret taf minn pazjent, li kien irrabjat hafna ta' dak li kien gara, illi kien hemm nurse bl-isem ta' Alex Manche illi kien involut fl-ghoti ta' servizz b'pagament ta' mitt Euro (€100),*

*liema servixx izda kellu jinghata b'xejn. Meta saret taf illi Manche kien nurse, hija dahlet fil-web-site tal-MUMN sabiex taghmel il-verifiki taghha u sabet isem Alex Manche indikat bhala Chairman ta' wiehed mis-sotto-kumitati tal-MUMN, u ghalhekk qisitu bhala ufficjal tal-MUMN. Meta hejjiet l-artikolu, izda, hija ma semmietx lil Alex Manceh b'ismu, peress illi ma riedet tesponi lil hadd.*

*Massa stqarret illi wara li giet ippubblikata l-istorja, hija giet ikkuntattjata minn Paul Pace, illi hija kienet taf peress illi precdentement irraportat diversi affarijiet illi kienu qed jaghmlu l-MUMN immexxija minn Paul Pace u Colin Galea fil-kapacita taghhom rispettivament ta' President u Segretarju ezekuttiv, u dan sahaq maghha illi l-MUMN kull m'ghandha huma erbgha ufficjali u dawna klienu l-ufficjali ta'l-ezekuttiv. L-ohrajn kienu kollha membri tal-MUMN. Minkejja dan, Massa baqghet tinsisti illi ghaliha Manche kien ufficjal tal-MUMN.*

*Dwar il-proceduri li kienu qed jittiehdu, Massa stqarret illi hija ma kenitx a korrent tal-fatt jekk tali investigazzjonijiet sarux fil-konfornt ta' Manche jew le, peress illi keinet taf illi ittiehdu proceduri kontra persuna illi kien qieghed ighamilha ta' tabib u li Manche irrifonda il-mitt Euro (€100) li kien thallas mill-pazjent. Madanakollu mistqosija mill-Qorti jekk tafx jekk attwalment sarux investigazzjonijiet jew le, hi qalet illi xogholha hwa ta' gurnalist, u ghakhekk ma setghtex tkun taf. Massa stqarret ukoll illi waqt illi kienet qed taghmel l-investigazzjonijiet taghha, ma kienx hemm bzonn tikkonsulta ma'l-ufficjali tal-MUMN qabel ma tippubblika l-istorja, ghax kien bizzejjed illi hija tikkonsulta mal-website tal-MUMN.*

*Fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2012, l-intimati iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi u fl-14 ta' Mejju 2012, wara illi l-avukati tal-partijiet ittrattaw il-kaz, il-kaz gie differit ghas-sentenza.*

*Ikkunsidrat,*

*Il-kaz in ezami jikkoncerna storja illi giet ippubblikata fil-faccata tal-gazzetta The Sunday Times fit-22 ta' Awwissu 2010, fejn gie irraportat bi kliem kbar "Patients swindled in scam", u tahtu, bi kliem ftit izghar, :"Top MUMN official investigated". L-istorja kieen ttikkoncerna terapija, maghrufa bhala Negative Therapy VAC, illi kienet qed tinghata lill-pazjenti minn salesman u nurse taht il-pretest illi kienet b'xejn izda li ghaliha eventwalment il-pazjenti kienu qed jintalbu ihallsu flejjes konsiderevoli.*

*Il-kontenut ta' l-istorja certament hija wahda li timmerita il-prominenza li inghatat peress illi seta kien hemm ragunijiet validi ghaliex il-qarrejja jigu imwissija minn tali terapija illi kienu qed jinghataw.*

*Ir-raguni izda ghaliex dina l-istorja spiccat quddiem din il-Qorti hija dovuta ghall-fatt illi l-gurmalista Ariadne Massa, fl-artikolu taghha, indikat bhala sotto titolu "Top MUMN official investigated" u qalet ukoll illi "this scam involves a nurse who is employed in a managerial position at Mater Dei and <u>occupies a top post within the structures of the Malta Union of Midwives and Nurses</u> (sottolinera tal-Qorti)."*

*Kienu dawn l-insinwazzjonijiet illi wasslu lir-rikorrenti flimkien, bhala erbgha ufficjali illi jiffurmaw l-Ezekuttiv tal-MUMN, li jniedu dawna l-proceduri fil-konfront ta'l-intimati, peress illi huma jishqu li l-unici ufficjali ewlenija, ossija "top", li hemm fi hdan l-MUMN kienu huma l-erbgha, u l-ebda minnhom ma kien involut f'xi "scam" kif allegat l-intimata Massa.*

*Irrizulta mix-xhieda mogthija quddiem din ail-Qorti, illi l-intimata Massa saret taf bl-istorja ftit jiem qabel ma ippubblikat fil-harga tal-Hadd. Bhala investigazzjonijiet li ghamlet, Massa giet fil-pussess ta' investigazzjoni li saret mill-Ministeru tas-Sahha u, meta indunat li kien hemm nurse involut fil-kwistjoni, hija ghamlet il-verifiki dwar tali persuna fuq il- web site tal-MUMN, u sabet li huwa kien ic-Chairperson tal-Mater Dei Hospital Group Committee, wiehed minn erbghatax-il kumitat illi kellu tahtu il-Kunsill tal-MUMN.*

*Minghajr ma ghamlet ebda tip ta' verifki ulterjuri ma'l-ufficjali ta'l-Ezekuttiv tal-MUMN, illi hija kienet taf min huma peress illi kienu fl-istess zmien involuti sew fil-pubbliku in vista ta' azzjonijiet industrijali illi kienu qed jittiehdu mill-MUMN mal-Gvern dwar kwistjonijiet illi jinvolvu in-nurses, Massa ghaddiet biex, abbazi ta'l-informazzjoni illi hija kellha tippubblika storja fuq il-faccata tal-gazzetta b'sottotitolu "Top MUMN official investigated" u li fiha kien hemm inkluz indikazzjonijiet illi tali persuna "occupies a top post within the structures of the Malta Union of Midwives and Nurses."*

*Jirrizulta illi tali artikolu kellu l-effetti illi naturalment wiehed kien jistenna, fosthom ic-cahda kategorika, u bir-ragun, tal-MUMN, kif ukoll b'certa sorpriza, peress illi l-artikolu inhareg il-Hadd meta generalment id-dipartimenti kollha ikunu maghluqa, stqarrija mill-Ministeru tas-Sahha, l-Anzjani u Kura fil-Komunita permezz tad-Dipartiment ta'l-Informazzjoni, illi gharraf lill-pubbliku li kienet saret investigazzjoni interna dwar allegat abbuz fl-isptar Mater Dei u il-Gimgha ir-rapport preliminari inghadda lill-Pulizija ghall-investigazzjonijiet kriminali.*

*Ikkunsidrat,*

*Illi l-Qorti ma tsitax ma tinnutax illi fil-kaz in ezami ghalkemm l-itnimata Massa stqarret illi l-artikolu taghha sar "totalment in bona fide u bl-ebda mod ma kellha kontra l-ufficjali ta'l-ezekuttiv tal-MUMN'" l-agir taghha fit-tmexxija ta'l-invetsigazzjonijiet flimkein mal-fatt illi, ghal ragunijiet illi jafu huma biss, id-Dipartiment ta'l-Informazzjoni ghogbu jgharraf lill-pubbliku dwar l-investigazzjonijiet li kienu ghaddew lill-Pulizija mhux dakinhar illi r-rapport gie mghoddi lill-Pulizija, ossija il-Gimgha, izda il-Hadd, wara li harget l-istorja fuq il-gazzetta The Sunday Times, ma jirrizulta illi hemm ebda bona fede assoluta da parte tal-gurnalista Massa. Il-Qorti kwazi tasal, anzi, biex tikkonkludi illi kien hemm kolluzzjoni bejnha u bejn il-Ministeru tas-Sahha kontra l-MUMN, illi dak iz-zmien kienu f'taqtiha ma'l-istess Ministeru, liema kolluzzjoni kienet intiza unikament sabiex jaghmel hsara lit-tmexxija tal-MUMN jigifieri lir-rikorrenti.*

*Il-Qorti ma tifhimx kif qatt tista' gurnalista illi ghandha l-esperjenza illi qalet li ghandha ossija sittax-il sena u li tikteb fuq gurnal daqstant prestiggjuz u rispettabbli bhalma hija The Sunday Times, tghaddi beix tikteb storja illi tintwera fuq il-faccata tal-gurnal u tallega li ufficjal ewlieni tal-MUMN huwa involut f'allegat abbuz fl-Isptar minghajr ma lanqas biss tipprova tikkomunika ma xi wiehed mill-ufficjlai tal-MUMN ghal kummenti tieghu qabel ma tippubblika l-istorja.*

*Kieku, ghal anqas, il-gurnalista baghetet id-domandi ghall-kummenti u dawn ma gewx risposti, wiehed ikun fehem li l-gurnalista ghamlet il-partu taghha ta'l-invetsigazzjoni izda ma kellhiex risposti. Izda, fil-kaz in kwistjoni, m'ghamlet assolutament xejn minn dan u ghazlet illi tohrog storja minghajr ma tivverifika il-fatti illi hija kienet qieghda tallega. Dana huwa agir dispreggjevoli u malizzjuz u l-Qorti ma tsitax hlief ma ticcensurax tali tip ta' gurnalizmu illi huwa intiz biss ghas-sensazzjonalizmu minghajr ma jaghtu kaz ghar-riperkussjonijiet illi l-istejjer taghhom ser ikollhom fuq il-persuni kollha illi jissemmew, direttament jew indirettament, u jaghmlu hsara kemm lir-reputazzjoni tal-gurnalizmu in generali, kif ukoll tar-reputazzjoni tal-gurnal The Sunday Times.*

*Indikazzjoni cara illi l-mira unika tal-gurnalista ma kenixt dik illi tinvestiga il-kaz fid-dettal, izda li tippubblika l-istorja taghha qabel ma tigi ppubblikata mill-gazzetti ohra, kien il-fatt illi hija allegatment saret taf bl-istorja il-gimgha 20 ta' Awwissu u ghaddiet illi tippubblika l-istorja taghha il-Hadd 22 ta' Awwissu mingahjr ma qabel gabet il-verzjoni tan-nies kollha illi hija kienet qed issemmi.*

*Illi huwa hawnhekk illi l-editur ghandu r-responsabbilta tieghu fil-kaz odjern ukoll, peress illi huwa ghandu jassikura ruhhu illi l-gurnalisti tieghu jaghmlu xoghol b'reqqa u attenzjoni u jassikuraw li, qabel ma jippubblikaw storja, jivverifikaw id-dettalji kollha u jippruvaw jottjenu informazzjoni anke da parte ta' min huwa implikat, sabiex il-qarrej jinghata stampa cara ta'l-istorja kollha u jigi assikurat li min ghandu isofri l-konsegwenzi tal-pubblicita, isofriha, filwaqt illi min ghandu jigi protett milli jigi infangat inutilment jigi protett –*

*huwa car illi l-editur naqas paletealment minn tali obbligu, u halla lill-gurnalista tieghu tohrog storja illi l-effetti taghha kienu ta' hsara kbira lill-ufficjali tal-MUMN, liema effetti l-istess gurnalista setghet facilment tevita kieku hadet hsieb taghmel xogholha kif suppost.*

*Il-Qorti, ukoll, ma tsitax ma tinnutax illi, kemm fid-diskursata mal-President tal-MUMN, Paul Pace dakinhar illi hareg l-artikolu, kif ukoll fix-xhieda taghha fil-Qorti, hija dejjem accettat illi l-persuna involuta ma kenitx fl-Ezekuttiv tal-MUMN izda kienet biss ufficjal, skond hi, tal-MUMN. Allura, il-Qorti tistaqsi, ladarba l-gurnalista kienet taf dawn l-affarijiet, x'kien illi wassalha taghmel titolu li jghid "Top MUMN  official investigated", meta hija stess stqarret illi tali persuna ma keinx ufficjal ta'l-ezekuttiv, izda kien involut f'kumitat tal-MUMN. Din hija indikazzjoni cara illi kien hemm il-malizja fir-redazzjoni tat-titolu, u it-titolu kien intiz unikament sabiex jaghmel hsara lill-ezekuttiv tal-MUMN.*

*Ma jonqosx ukoll illi jigi innutat illi l-gurnalista u l-gurnal, fl-ebda mument, ma jidher illi ghamlu xi tentattiv sabiex jikkorregu dak li qalu jew illi jaghmluha cara mal-qarrejja li l-Ezekuttiv tal-MUMN ma kienx involut.*

*L-argument tal-gurnalista illi ghaliha, chairman ta' kumitat, illi huwa biss wiehed mill-erbghatax il-sotto-kumitat illi ghandu l-Kunsill tal-MUMN sabiex jassistu tali Kunsill, li huwa imbaghad immexxi mill-Ezekuttiv, ghandu jitqies bhala ufficjal gholi tal-MUMN huwa wiehed fallaci ghall-ahhar u l-insistenza taghha turi biss illi gurnalista a differenza ta' dak li hu mistenni minnha, ma hijiex a korent ta' kif jahdmu assocjazzjonijiet u ghaqdiet, kemm volontarji kif ukoll ufficjali.*

*Il-Qorti hija konvinta illi l-gurnalista ma kellha l-ebda bona fede meta kitbet l-artikolu izda kellha biss il-hsieb li tqieghed f'dell ikrah persuni li, f'dak il-mument kienu qeghdin f'kwistjoni industrijali mal-Ministeru tas-Sahha, u li kien hemm agenda li ghaliha l-gurnalista keinet qieghda tahdem, biex issir il-hsara. Dana m'huwiex gurnalizmu – dana huwa difamazzjoni!*

*Ikkunsidrat,*

*Illi l-intimati qed jiddefendu l-kawza taghhom billi jghidu illi r-rikorrenti ma kenux identifikabbli.*

*Il-Qorti tinnota kif, fil-kaz deciz mill-Qorti ta'l-Appell fil-15 ta' Jannar 1997, Farrugia vs Fava, intqal hekk:*

***"Dwar l-identifikazzjoni tal-persuna allegatament malafamata hu ghal kollox immaterjali x'kienet l-intenzjoni ta' l-artikolista jew x'kellu f'rasu meta kiteb l-artikolu jew jekk f'mohhu dik il-persuna kinitx jew le indentifikata. Hu ghal kuntrarju materjali t-test ta' l-artikolu u jekk il-qarrej ordinarju anke jekk ben informat meta jaqra l-artikolu jasalx biex jidentifika l-persuna ta' l-attur. Dana b'mod naturali u minghajr processi kumplikati ta' eliminazzjoni jew analizi xort'ohra. Dan ukoll b'certu grad ta' certezza."***

*Kij jinghad fis-sentenza VOL LXVIII p4 p316 fejn gie kwotat il-ktieb "Libel and Slander" ta' Carter Rock:*

***"The sole relevant question in every case is: Would reasonable persons understand the words to refer the particular plaintiff? Factors to be considered in deciding this question are, as Lord Porter pointed out in Knuppfen's case "the size of the class, the generality of the charge and the extravagance of the accusation."***

*Kif intqal fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Jannar 2000 fil-kawza fl-ismijiet "L-**Onor. John Rizzo Naudi vs Felix Agius et"***

***"Biex azzjoni ta' libel bl-istampa tirnexxi, l-kitba li tkun trid tabilfors tkun marbuta ma'l-persuna tal-parti attrici, imqar jekk tkun indiretta jew "velata taht xi figura jew ohra ta' espressjoni"' u dan lil hinn minn jekk il-kittieb tal-istampat kellux f'mohhu lil dik il-persuna meta kiteb dak li kiteb."***

*Madanakollu kif itnqal fil-kawza deciza mill-Qorti ta'l-Appell fil-15 ta'Novembru 1994 fl-ismijiet Borg vs Camilleri et (Kollez. Vol:LXXVIII.ii.372), il-fatt li persuna ma tissemmiex b'isimha f'artiklu ma jfissirx li hija mcahhda milli tmexxi 'il quddiem azzjoni ta' libel that l-Att dwar l-Istampa, jekk kemm il-darba mill-kontenut ta'l-istess artiklu johrog car min kienet il-persuna li dwarha nkiteb dak li nkiteb.*

*Il-kejl lil ghandha tadopera il-Qorti jibqa' dejjem wiehed li l-ezercizzju jrid jitqies mill-perspettiva tal-qarrej li ghalih l-artiklu jkun mahsub;*

*Illi huwa car mill-kontenut ta'l-artikolu li meta semma "Top MUMN official investigated", il-qarrej mal-ewwel kien ser jifhem illi dan kien qiegehd jirreferi ghal wiehed mill-persuni illi kienet qieghda tmexxi l-MUMN, u ghalhekk huwa car illi l-eccezzjoni ta'l-intimati ma jregix.*

*Eccezzjoni ohra moghtija mill-intimati kien illi dan kienet biss kronaka gusta u informattiva minghajr sensazzjonalizmu u ta' interess pubbliku.*

*Kif stqarret il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza* ***Dr. Louis Galea vs Dr. Joe Mifsud*** *fit-23 ta' Marzu 2009,*

*"f'kawzi bhal prezenti, u cioe' f'kawz ata' libel, hemm bilanc li gandu jiznamm bejn id-dritt f'socjeta demokratika li wiehed jghid u jesprimi ruhu u jsemmi l-opinjoni tieghu bl-aktar mod liberu u bejn id-dritt ta' kull cittadin li jgawdi reputazzjoni u l-isem tajjeb tieghu u dan dejjem fl-isfond ta' socjeta demokratika."*

*Il-Qorti ta'l-Appell, imbaghad, fl-istess kawza deciza fit-3 ta' Frar 2012, ziedet tghid li:*

*"gurnalizmu investigattiv ghandu jinghata ampja protezzjoni f'socjeta demokratika, anke jekk certi allegazzjonijiet jigu michuda minn dak milqut, il-gurnalist dejjem jibqalghu d-dritt li jinvestiga u jistharreg fuq allegazzjoni anke jekk tibqa allegazzjoni mhux pruvata kif trid il-Ligi. F'dak li jsir gurnalizmu investigattiv serju, anke meta jirrizulta zball genwin jista ukoll ikun tollerat.'*

*Fil-kawz odjerna huwa car u minghajr ebda dubbju illi l-izball illi gimlet il-gurnalista ma keinx zball genwin, izda kien zball intenzjonat u riaffermat minnha kemmw ara illi ppubblikat l-artikolu, kif ukoll fil-Qorti, u ma jidher illi hemme ebda raguni ghaliex din il-Qorti ghandha tipprotegi tali tip ta' gurnalizmu.*

*Kif qalet il-Qorti Ewropeja fil-kawza Fresos & Roire vs France*

> *"the press plays an important role in a democratic society, although it must not overstep certain bounds, in particular in respect of reputation and rights of others. People exercising freedom of expression including journalists undertake duties and responsibilities".*

Dana gie anke ri-affermat mill-Qorti Maltija meta, fil-kawza **Caruana vs Mifsud,** deciza fl-24 ta' Settembru 2004 intqal:

> *"Il-liberta ta' esperessjoni m'hijiex xi lecenzja li wiehed ighid li jrid minghajr kontroll. Id-dritt invokat mill-appellant huwa suggett ghal certu kondizzjonijiet. Hekk per ezempju, fil-kaz Bladet Tromso and*

*Stensaas v Norway (20 ta' Mejju 1999) il-Qorti Ewropea tad-drittijiet tal-Bniedem esprimiet ruhha hekk:*

*"Article 10 of the Convention does not, however, guarantee a wholly unrestricted freedom of expression even with respect to press coverage of matters of serious public concern. Under the terms of paragraph 2 of the article the exercise of this freedom carried with it "duties and responsibilities" which also apply to the press. These "duties and responsibilities " are liable to assume significance when, as in the present case, there is a question of attacking the reputation of private individuals and undermining thee "rights of others"..... by reason of "duties and responsibilities" inherent in exercise of the freedom of expression, the safeguard afforded by Article 10 to journalists in relation to reporting on issues of general interest is subject to the proviso that they are acting in good faith in order to provide accurate and reliable information in accordance with the ethics of journalism." (para 65)*

*Ghalhekk, huwa car illi l-gurnalista, u sa certu livell anke l-editur, naqsu illi jezercitaw id-dritt taghhom illi jirapportaw in bona fede, peress illi irrizulta ben ippruvat illi l-gurnalista ma kellha ebda bona fede fil-konfront tar-rikorrenti meta kitbet l-istorja taghha – certament kellha agenda li ghalija kienet qieghda tahdem u uzat ir-reputazzjoni tal-gazzetta kif ukoll qarqet bil-qarreja sabiex tqieghed f'dell ikrah lill-MUMN u lill-Ezekuttiv taghha.*

***Ikkunsidrat***

*Illi, fil-konsiderazzjonijiet u provi kollha prodotti, jidher illi l-persuna principali responsabbli ghal dak kollu li inkiteb kienet Ariadne Massar, kif del resto ammettiet, u ghalhekk, huwa gust illi hija terfa hafna mir-responsabbilta' finanzjarja wkoll. L-editur, madanakollu, naqas milli jivverifikat li x-xoghol tal-gurnalisti tieghu qieghed isir kif suppost, u ghalhekk ghandu jerfa ftit mir-resoponsabbilta` ukoll.*

*Minn naha tar-rikorrenti, jidher illi ghalkemm l-membri ta' l-ezekuttiv huma erbgha, u ghalhekk l-erbgha li huma intlaqtu mill-allegazzjonijiet fiergha illi ghamlet il-gurnalista, huma l-President u s-Segretarju Ezekuttiv, ossija Paul Pace u Colin Galea illi kienu dawk l-aktar illi ntlaqtu mill-effetti ta' l-artikolu, kemm in vista tal-konsegwenzi illi bata Paul Pace, lokalment u internazzjonalment, in vista tal-allegazzjonijiet fiergha, kif ukoll in vista tal-konsegwenzi illi bata Colin Galea bhala Segretarju Generali. Ikun ghalhekk korrett illi dawna jibbenefikaw aktar mill-membri l-ohra tad-danni illi l-Qorti ser tinfliggi.*

*Dwar id-danni, ghalkemm dawna huma severament limitati in vista tal-limitazzjoni tal-kompetenza ta' din il-Qorti, jenhtieg illi jinghata messagg car lill-media in generali li, jekk huma jonqsu mid-doveri taghhom, huma ser ikollhom isofru il-konsegwenzi taghhom. Piena finanzjarja hija li hi, izda l-import taghha ghandu dejjem jirrefletti s-serjeta' ta' zball illi sar, u ghalhekk, kwalsiasi piena illi ghandha tigi inflitta minn dina l-Qorti ghandha taghti l-messagg tas-severita tal-kaz.*

*Il-Qorti wara li qieset l-entita` tal-hsara li saret, u minn ikkawza tali hsara, thoss illi l-intimata Ariadne Massa ghandha thallas lir-rikorrenti Paul Galea u Colin Galea is-somma ta' tlett elef Euro (€3,000) kull wiehed filwaqt illi ghandha thallas lir-rikorrenti George Saliba u Maria Cutajar is-somma ta' elfejn Euro (€2,000) kull wiehed, b'mod illi d-danni totali pagabbli mill-intimata Massa ghandhom ikunu ta' ghaxart elef Euro (€10,000). L-intimat Steve Mallia, minn naha tieghu, ghandu jhallas lir-rikorrenti kollha flimkien is-somma ta' elf hames mitt euro (€1,500) komplessivament.*

***Konkluzjoni***

*Il-Qorti*

*Wara li qieset il-provi kollha mressqa u wara illi rat l-artikolu meritu tal-kaz odjern tghaddi biex taqta u tiddeciedi billi:#*

***Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimati u*

***Tilqa'** t-talbiet attrici billi tiddikjara illi l-artikolu meritu tal-kaz odjern huwa malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti kollha u rreka Danni lilhom u*

*A tenur tal-Artikolu 28 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta,*

***Tikkundanna** lill-intimata **Ariadne Massa** thallas:*

***is-somma ta' tlett elef Euro (€3,000) bhala danni lill Paul Pace***

***is-somma ta' tlett elef Euro (€3,000) bhala danni lill Colin Galea***

***is-somma ta' tlett elef Euro (€3,000) bhala danni lill George Saliba***

***is-somma ta' tlett elef Euro (€3,000) bhala danni lill Maria Cutajar***

***Tikkundanna** lill-intimat **Steve Mallia** ihallas lir-rikorrenti kollha flimkien is-somma **ta' elf u hames mitt Euro (€1,500) bhala Danni.***

Bl-izpejjez kollha u bl-imghax legali dekoribbli mid-data tal-presentata tal-avviz kontra l-intimati in solidum.

Bl-appell minnhom introdott l-intimati Steve Mallia u Ariadne Massa qeghdin iressqu is-segwenti aggravvji:

1. Illi l-azzjoni attrici hija fil-fatt wahda ta’ ingurja kollettiva fejn il-kliem “*a top MUMN official*” kienet qed tirreferi ghall-Ezekuttiv tal-MUMN f’termini kollettivi. Illi fin-nuqqas jekk wiehed jara l-azzjoni attrici bhala wahda ta’ semplici libell (singulari), allura f’dan il-kaz l-artikolu mertu tal-kawza ma jidentifikax lill-atturi bil-kliem hawn fuq indikati. Illi l-Ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni zbaljata meta ipprezumiet illi il-qarrej ordinarju kellu gharfien ta’ kif inhuma strutturati u jahdmu *trade unions* u ukoll illi ipprezumiet illi bil-kliem uzat il-qarrej awtomatikament haseb li qed issir referenza ghall-Ezekuttiv tal-MUMN.

2. Illi l-Ewwel Qorti naqset ukoll milli tapplika principju ormai assodat fil-gurisprudenza taghna li jiddetta li gurnalizmu investigattiv dwar materja ta’ interess pubbliku, bhal ma hu l-artikolu mertu tal-kawza, mhux necessarjament jkun preciz u attwalment veritjier.

3. Illi f’kaz ta’ libell il-piz tal-prova dwar identita jaqa’ fuq min igib l-azzjoni. Illi r-rikorrenti appellati ma kenux konsistenti fil-verzjoni taghhom u lanqas ressqu provi b’sahhithom li juru li fil-fatt kien hemm identifikazzjoni fil-persuni taghhom mill-qarrej ordinarju.

4. In-nuqqas ta’ *animus injuriandi* da parte tal-intimati appellanti meta inkiteb u gie ippubblikat l-artikolu in kwistjoni kellu jirrizulta mill-provi u mhux kif ikkonkludiet l-Ewwel Qorti li qabbdet ma hafna dettalji frivoli u zghar. Tant hu hekk illi permezz ta’ rapport sussegwenti giet ippubblikata l-istqarrija rilaxxjata mill-MUMN fejn gie ampjament spjegat illi l-ebda wiehed mir-rikorrenti ma kien involut f’dina l-investigazzjoni.

5. Illi rigward il-kwantifikazzjoni tad-danni, jinghad mill-appellanti, illi l-Ewwel Qorti ma tat l-ebda raguni valida ‘il ghala kellha tiddiskrimina bejn id-danni moghtija lil kull wiehed mir-rikorrenti. Inoltre il-konfuzjoni

fis-sentenza appellata hija iktar evidenti mir-*ratio* li wassal lill-Ewwel Qorti ghall-imsemmija kwantifikazzjoni meta gie deciz illi d-danni moghtija kellhom iservu bhala deterrent jew ezempju, kuncett mhux rikonoxxut fis-sistema guridika nostrali. Id-danni preksritti fl-Att Dwar l-Istampa huma ta' natura restorattiva bbazati fuq il-principju ta' *restitutio in integrum*. L-ghan tad-danni ghandu jkun li jaghti kumpens lill-vittma ingurjata tad-dannu soffert mill-artikolu libelluz u mhux li jinghata xi mesagg kif ikkonkludiet l-Ewwel Qorti.

"***Jixraq fl-ewwel lok illi jigi sottolinejat illi f'kazijiet ta' libelli, l-bixra ta' hsieb ta' dawn l-ahhar snin, fuq l-istregwa ta' decizjonijiet tal-Qorti Ewropeja, kienet artikolata fis-sens illi fl-analizi tal-fatti u l-gudizzju dwarhom kellu jinzamm bilanc bejn l-interessi tal-persuna, fis-sens l-aktar ampju tal-kelma, li jipprotegi r-reputazzjoni u l-integrita` tieghu, u l-interess pubbliku li jkun informat fuq materji li legittimament jolqtu d-divulgazzjoni ta' informazzjoni dwar materji li jikkoncernaw l-opinjoni pubblika.***

***Kif ritenut drabi ohra "l-gurisprudenza in materja zviluppat ulterjorment l-aktar favur il-liberta` tal-istampa bhala manifestazzjoni tad-dritt fondamentali tal-espressjoni u bhala ghodda mehtiega fl-izvilupp demokratiku ta' pajjiz. Naturalment kien u ghadu principju tad-dritt illi <u>l-malafama voluta permezz ta' addebiti ta' fatti foloz mahsuba biex inaqqsu l-gieh u l-fama tal-persuna illi lejha tkun diretta</u> baqghet censurabbli u punibbli fil-ligi." Anthony De Giovanni vs Mark Lombardo App.Inf. 24/11/2003.***

Premess dan, huwa fatt inkontestat illi l-artikolu mertu ta' dina l-kontestazzjoni ghandu bixra investigattiva u informattiva. Ma jikkontjeni l-ebda opinjoni, kumment jew kliem ingurjuz. Illi l-artikolista appellanti kisbet informazzjoni minn sors attendibbli dwar pazjenti gewwa l-isptar Mater Dei li kienu qed jircevu tip ta' kura specjalizzata maghrufa bhala Negative Therapy VAC liema terapija ma kenitx qed tigi moghtija b'xejn mill-isptar, izda il-pazjenti kienu qed

jigu ingannati billi wara li jigu indotti joqghodu ghal kura taht il-premessa li din hija minghajr hlas, sussegwentment jircevu kont gholi li iridu ihallsu. Dan is-servizz, allegatament, kien qed jinghata minn *nurse* u *salesman* li kienu qed jahdmu in kolluzzjoni bejniethom u li l-artikolu isemmi li kienu qed jigu investigati. Illi mill-atti probatorji jirrizulta illi Massa kienet taf min kien dana in-*nurse* li kien qed jigi investigat izda tghid fix-xhieda taghha illi hasset li ma kellhiex issemmieh b'ismu u dana sabiex ma tohloqlux pregudizzju irrimedjabbli billi l-investigazzjonijiet kienu ghadhom ghaddejjin. Kwindi fl-artikolu minnha redatt taht it-titolu "**Patients swindled in scam**" hija tnizzel bhala sub-titolu "**Top MUMN official investigated**". Dan ghaliex l-infermjiera involut kien Chairperson ta' sottokumitat fi hdan l-MUMN.

Illi fid-decizjoni hawn fuq citata inghad illi:

"***F''materja ta' responsabilita` civili ghad-diffusjoni ta' nformazzjoni bil-mezz stampat, wiehed irid izomm dejjem in mira fl-analizi tal-kaz partikolari dawn l-aspetti:-***

***(i) ir-rikostruzzjoni oggettiva tal-fatti;***

***(ii) il-valutazzjoni tal-kontenut tal-kitba;***

***(iii) id-dritt tal-kritika li kif minn dejjem gie awspikat ghandha tkun espressa fir-rispett tar-rekwizit ta' certa kontinenza u, ghaldaqstant, f'termini korretti u mizurati b'mod li ma titraxxendiex f'attakki personali virulent.***

***Dan ifisser illi ghall-iskop tal-iskriminanti huwa necessarju li l-istampat ikun jikkontjeni mhux biss il-verita` oggettiva tal-fatti izda wkoll il-korrettezza***

***formali tal-esposizzjoni taghhom. Huwa impellenti ghalhekk illi qabel il-pubblikazzjoni l-fonti tal-istess fatti tigi diligentament valjata ghall-fini tal-attendibilita` taghhom.***

***Hekk ukoll fis-sistema guridika Taljana skond decizjoni tal-Qorti tal-Cassazione tal-25 ta' Mejju 2000, Numru 6877, jehtiegu wkoll tliet elementi precizi, u cjoe, li "(i) i fatti esposti sono veri, (ii) vi e` un interesse pubblico alla conoscenza del fatto u (iii) vi sia correttezza formale dell'esposizione che non travilichi lo scopo informativo".***

Stabbiliti ghalhekk dawn il-kuncetti legali li isawwru l-istitut tal-libell, jigi osservat illi l-artikolu in ezami fil-fatt jikkontjeni esposizzjoni ta' stharrig maghmul mill-artikolista u dana wara informazzjoni li kienet irceviet fejn pazjent kien spicca vittma ta' dina il-messa in xena tant illi fl-atti anke ezebiet ricevuta ta' hlas li allegatament sar minn dan il-pazjent. Di piu' hija kellha ukoll informazzjoni attendibbli illi kienet qed issir investigazzjoni interna mill-Ministeru ghas-Sahha in konnessjoni ma' dan il-kaz. Dawn il-fatti ippubblikati mill-intimati appellati fl-artikolu ma jinsabux taht il-mannara ta' din il-Qorti, izda dak imsejjha biex tistharreg din il-qorti huwa jekk it-terminologija uzata mill-artikolista meta kienet qed taghmel referenza ghal persuna involuta setatx kienet volutament jew involutament "*misleading*", tant illi dan il-fatt ikkrea danni lill-ufficjali gholja fi hdan l-Ezekuttiv tal-Union.

Illi fl-ewwel ilment minnhom maghmul kontra is-sentenza impunjata l-appellanti jissottomettu ill dan kien kaz ta' hekk imsejjah *collective defamation* jew ingurja kollettiva u dana billi it-terminu uzat kien qed jirreferi ghall-Ezekuttiv tal-MUMN f'termini kollettivi. Illi l-Qorti ma tistax taqbel ma' dina il-linja difenzjonali u dana ghaliex minn qari tal-kliem uzat huwa car illi l-artikolu qed jirreferi ghal persuna fil-vesti taghha personali u mhux bhala formanti parti minn xi klassi jew grupp u li allura ikun qed jagixxi f'isem dik il-

klassi jew grupp ta’ nies meta ghamel l-azzjoni taht il-mira tal-gurnal. Illi l-gurisprudenza tal-Qrati taghna kienu dejjem konkordi illi f’kaz ta’ *collective defamation* il-kliem ‘offensiv’ ikun jirreferi ghal klassi jew kategorija ta’ persuni fejn allura l-komponenti ta’ dik il-klassi jew katergorija jkunu ntitolati li jezercitaw l-azzjoni…fil-kaz biss, pero’, illi l-espressjoni ngurjuza tkun tista’ tikkonkretizza ruhha fil-konfront ta’ persuna jew persuni determinati f’dik l-istess klassi jew kategorija. (A.K. Pul vs Quinn Vol XLIX p4 p 1241.Citaz. Numru 284/98 GV).

Illi l-kliem uzat certament ma kienx qed jirreferi ghal klassi ta’ persuni. Dan kien isehh li kieku l-appellanti kitbet illi kienet il-Union involuta f’dan l-iskandlu, izda din bl-ebda mod ma indikat illi l-MUMN kienet b’xi mod involuta izda irreferiet specifikatament ghal zewg pesuni, wahda infermjiera u l-ohra *salesman*, fejn l-infemjier allegat, kien ufficjal gholi fi hdan l-MUMN u persuna li jokkupa kariga manigerjali fl-isptar. Bl-ebda mod ghalhekk ma kienet qed tigi attakkata il-Union b’mod illi setghu jigu identifikati l-ufficjali ta’l-istess bhala in-nies involuti. Kwindi dan l-aggravvju qed jigi respint.

Illi l-appellanti jilmentaw ukoll illi in-nuqqas ta’ identifikazzjoni tal-persuna involuta fl-artikolu in dizamina kellu iwassal ghar-rigett tad-domanda attrici.

Jigi mill-bidunett precizat illi ma hemmx evidenza fl-atti li tindika illi l-iskop ta’l-artikolu kien intiz sabiex jimmalafama xi persuna jew persuni partikolari. Huwa evidenti, kif diga inghad, li dan kien rapport investigattiv fejn l-artikolista kienet qed twassal informazzjoni valida li hija kienet irceviet minn sors kunfidenjzali dwar allegat abbuz li kien qed isir fuq nies vulnerabbli gewwa l-

isptar Mater Dei tant illi din il-Qorti tazzarda tghid illi kien fi dmir taghha bhala gurnalista illi iggib a konjizzjoni tal-pubbliku fatti ta' materja serja li ikunu qed isehh *ad insaputa* tal-pubbliku in generali u dana sabiex l-abbuz ma ikompliex isehh. Jekk ma isirx dan allura ic-cittadin ma jigi qatt avzat kontra sitwazzjonijiet bhal dawn u ikun hemm il-periklu li jibqghu ghal dejjem mistura.

Stabbilit allura illi ma kien hemm xejn censurabbli fir-redazzjoni ta'l-artiklu mertu ta' dina l-kawza, il-*vexata quaestio* biex tigi determinata hija jekk il-kliem "Top MUMN official being investigated" setghetx twassal lill-qarrej ordinarju ghal persuni tar-rikorrenti jew xi hadd minnhom. Illi il-perm tal-kwistjoni devoluta ghal gudizzju umli ta' din il-Qorti hija il-kelma "TOP" billi ma hemmx dubbju illi l-informazzjoni dwar persuna li tokkupa kariga fi hdan l-istrutturi tal-MUMN kienet fil-fatt qed tigi indagata fuq il-materja rappurtata tant illi din il-persuna kienet identifikata ghall-artikolista (liema persuna ma kenitx wahda mir-rikorrenti). Gara izda, skond ix-xhieda ta' Massa stess, illi peress illi l-investigazzjonijiet kienu ghadhom pendenti u ma kien hemm xejn definit, hija hasset li ma kellhiex issemmi l-persuna b'isimha u dana sabiex ma issehhilhiex hsara irrimedjabbli.

Illi l-Qorti tinnota illi minn qari ta'l-artikolu, Massa tispjega illi it-Top MUMN official li issemmi fis-subtitolu ghal dana l-artikolu:

"**involves a nurse who is employed in a managerial position at Mater Dei and occupies a top post within the structures of the Malta Union of Midwives and Nurses**."

Illi l-Ewwel Qorti f'dana l-kuntest taghmel referenza ghad-decizjoni moghtija mill-Qorti ta'l-Appell fil-15 ta' Jannar 1997 fl-ismijiet Farrugia vs Fava li gustament ikkonkludiet illi:

"***Dwar l-identifikazzjoni tal-persuna allegatament malafamata hu ghal kollox immaterjali x'kienet l-intenzjoni ta' l-artikolista jew x'kellu f'rasu meta kiteb l-artikolu jew jekk f'mohhu dik il-persuna kinitx jew le indentifikata. Hu ghal kuntrarju materjali t-test ta' l-artikolu u jekk il-qarrej ordinarju anke jekk ben informat meta jaqra l-artikolu jasalx biex jidentifika l-persuna ta' l-attur. Dana b'mod naturali u minghajr processi kumplikati ta' eliminazzjoni jew analizi xort'ohra. Dan ukoll b'certu grad ta' certezza.***

***The test, in every case, is whether reasonable people would understand the words to point to the plaintiff personally. Where the knowledge depends upon special circumstances of which not everyone is aware, the plaintiff has to prove that the article was published to persons who were able to make the identifying connection. Any story that carries the imputation of discreditable conduct by somebody will be actionable by a plaintiff who can show that at least some readers would recognize him as the person being criticized -(Media Law Roberston and Nicol P 57/8).***

***There is abundant authority to show that it is not necessary for everyone to know to whom the article refers; this would in many cases be an impossibility; but if …a substantial number of persons who knew the plaintiff reading the article, would believe that it refers to him.. an action, assuming the language to be defamatory, can be maintained -(Gatley on Libel & Slander 8th Edition p. 280 et seq).***

B' "**qarrej ordinarju**" wiehed necessarjament jifhem dak li fid-duttrina Ingliza fuq issuggett jissejjah "***right-thinking person***". Appuntu persuna li ma toqghodx tissottilizza imma tifhem il-kliem fil-mod ordinarju kif jinftiehem. Fil-kuntest tal-kaz taghna it-twegiba ghalhekk ghall-argoment sollevat hi wahda ovvja. Persuna ta' intelligenza ordinarja, proprju minhabba l-mod kif inhuma

koncepiti, taghti lill-kliem jew ahjar il-kelma oggezzjonata tifsira wahda u unika u cioe' illi l-persuna involuta hija persuna li tokkupa kariga gholja fl-Ezekuttiv tal-Union u cioe' wahda mill-erba persuni tar-rikorrenti. Ma jaddebitalhom ebda ekwivocita`b'mod li kapaci jinftehmu xort'ohra minn kif fil-kuntest taghhom logikament jinftehmu u jfissru. Dana ghaliex ghal qarrej ordinarju huwa difficli illi jikkoncepixxi mal-ewwel daqqa ta' ghajjn, ghal ta'l-inqas illi Union hija komposta minn numru ta' sottokumitati u li l-persuna involuta kienet tokkupa xi kariga fl-istess.

"***The meaning in which the defendant intended the words to be understood, though material on the question of damages, is immaterial in determining whether the words are defamatory or not. The question is not what the defendant intended, but what reasonable men, knowing the circumstances in which the words were published, would understand to be the meaning – Gatley on Libel and Slander***.

Illi ghalhekk ghalkemm, kif diga inghad, ma hemmx dubbju illi ir-rapport gurnalistiku kien principalment wiehed investigattiv u informattiv, madanakollu meta saret referenza fl-imsemmi artikolu illi l-persuna involuta kienet ufficjal gholi fi hdan l-MUMN, l-artikolista tbieghedet mill-bixra investigattiva u inoltrat ruhha fis-sensazzjonalizmu biex b'hekk hija spiccat implikat nies innocenti f'kaz gravi ta' implikata frawdolenza. Ghalhekk il-qorti ma ghandha l-ebda dubbju illi meta l-appellanti uzat it-terminologija bhala sub-titolu ghal dan il-kaz serju ta' sfruttament ta' nies vulnerabbli hija kellha f'mohhha illi tigbed il-qarrejja taghha u ma qghaditx attenta illi tirraporta fedelement l-informazzjoni li giet lilha rimessa. Kwindi ma hemmx dubbju illi l-identifikazzjonis etghet facilment issir mill-qarrej billi dawn in-nies ma setghux jirreferu hlief ghal membri ewelenin li jifformaw parti minn Union u cioe' il-membri gholja tal-Ezekuttiv. Illi  ghalhekk kemm l-artikolista kif ukoll l-editur

taghha, li kellu id-dmir jifli sew dak kollu li jigi ippubblikat fil-gurnal, ghandhom iwiegbu bl-istess mod ghal dan in-nuqqas.

Il-Qorti ghalhekk tikkonkludi li qarrej ordinarju meta jaqra' l-artikolu in kwistjoni jista' jasal b'mod naturali u minghajr processi kumplikati ta' eliminazzjoni jew analizi xort'ohra u ukoll b'certu grad ta' certezza biex jidentifika lil xi wiehed mill-persuni ta'l-atturi bhala l-persuna li ghalih qed jaghmel referenza l-artikolu u dana irrispettivament mill-*animu* li fih inkiteb l-artikolu.

Illi skond is-sentenzi tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem:

***"The essential function which the press fulfils in a democratic society is to act as a 'public watchdog' in imparting information of serious public concern (Goodwin v U K 27.3.1996). Although the press must not overstep certain bounds, in particular in respect of the reputation and rights of others, its duty is nevertheless to impart information and ideas on all matters of public interest (Jersild v Denmark 23.9.94, De Haes and Giljsels v Belgium 24.2.1997 ECHR). Article 10 of the European Convention on freedom of expression is applicable not only to information or ideas that are favourably received or regarded as inoffensive or as a matter of indifference, but also to those that offend, shock or disturb the State or any sector of the population ( Handyside v U K 7.12.76). Article 10 of the Convention does not guarantee a wholly unrestricted freedom of expression even with respect to press coverage of matters of serious public concern.***

***Under the terms of para 2 of the article, the exercise of this freedom carries with it "duties and responsibilities" (bhal f'dana l-kaz) "for the protection of the reputation or rights of others". By reason of these "duties and responsibilities" inherent in the exercise of the freedom of expression, the safeguards afforded by Article 10 to journalists in relation to reporting on issues of general interest is subject to the proviso that they are acting in good***

***faith in order to provide accurate and reliable information in accordance with the ethics of journalism (Goodwin judgement u Fressoz and Roire judgment).***

Illi abbazi ta’ dak deciz allura l-aggrravvji l-ohra ser jigu respinti ghajr ghall-ahhar aggravvju in konnessjoni mal-kwantifikazzjoni tad-danni likwidati mill-Ewwel Qorti billi fil-fehma ta’ din il-Qorti fic-cirkostani partikolari ta’ dan il-kaz huma xi ftit esagerati.

Dana ghaliex din il-Qorti hija tal-fehma illi fid-decizjoni taghha l-Ewwel Qorti ghamlet assunzjonijiet illi bl-ebda mod ma irrizultaw mill-atti, kummenti ghal kollox gratwiti li wasslulha ghal motivazzjoni taghha in konnessi mad-danni illikwidati u dana meta jitqies illi l-artikolu fil-gazzetta in kwistjoni ma kien xejn ghajr rappurtagg ta’ fatti materjali li jirrizulta li kienu ghal kollox veritjieri. Il-konkluzjoni illi kien hemm xi kolluzzjoni bejn l-artikolista u il-Ministeru tas-Sahha sabiex dana l-artikolu jigi ippubblikat bit-tir li jitfa’ dell ikrah fuq l-MUMN u dana minhabba f’azzjoni industrijali li kienet ghaddejja f’dak iz-zmien mill-infermjiera, ma ghandha l-ebda fondament fil-provi prodotti. Per ezempju ma hemmx provi fl-atti dwar x’kienet in-natura ta’ dina l-azzjoni industrijali, kemm kienet ilha gahddejja u x’effetti kien qed ikollha fuq l-Istat. L-ebda rapprezentant mill-Ministeru tas-Sahha ma ingieb jixhed dwar dina l-azzjoni industrijali u x’passi kienu qed jittiehdu biex jintlahaq fethim mal-Union. Lanqas mix-xhieda ta’ Massa stess ma jirrizulta illi hija kienet a konoxxenza ta’ dawn il-fatti jew inkella illi xandret dina l-ahbar konsapevoli tal-fatt illi dina setghet taghmel hsara lil dina l-azzjoni industrijali. Kif allura setghet l-Ewwel Qorti tasal ghalk konkluzjoni illi l-*animus* wara dana l-artikolu kien propju sabiex jitfa dell ikrah fuq il-Union meta dawn il-fatti ma jemanu minn imkien mill-atti. Fuq kollox il-fatti rappurtati ma qalathomx minn znieda l-intimata appellanti, izda kienet materja ta’ interess pubbliku.

A propozitu l-Gatley jafferma illi d-danni ghandhom jigu mizurati skond it-test tar-ragjonevolezza dipendenti fuq ic-cirkostanzi kollha tal-kaz konkret. "In judging the reasonableness of the amount, a reasonable proportion must exist between the sum awarded and the circumstances of the case".

Fil-kaz "Carmel Tonna et –vs- Felix Agius et", deciza fit- 23 ta' Marzu 1993 (Vol LXXVII pII p87) il-Prim'Awla talQorti Civili presjeduta mill-Onor. Imhallef Joseph Said Pullicino, kienet irriteniet li kellha tinzamm sens ta' proporzjon in materja tal-likwidazzjoni tad-danni. Kienet il-fehma taghha illi "l-azzjoni ta' libell, biex tkun verament effikaci u gusta, ghandha tigi adoperata b'gudizzju u cirkospezzjoni, tenut kont ta' l-ingurja, il-gravita` taghha, lejn min tkun diretta u lil min tkun mahsuba tilhaq u x'danni konsegwenzjali diretti jew indiretti tista' tiggenera".

Fl-ambitu ta' dan it-taghlim hi l-fehma konsiderata tal-Qorti illi tabilhaqq l-aggravju hu wiehed fondat in kwantu l-ammont tad-danni likwidati f'dan il-kaz, konsiderati t-test tar-ragjonevolezza u tal-proporzjonalita`, huwa bil-wisq superjuri fic-cirkostanzi. Il-Qorti ghalhekk ittendi biex taqbel li hemm lok ghat-temperament taghhom tenut rigward tal-kontest tal-"gravita" u taz-zmien li fih saret l-ingurja. Ghaldaqstant l-appellanti in solidum bejniethom ghandhom ihallsu l-ammont ta' €4000 in linea ta' danni li ghandhom jinqassmu b'mod ugwali bejn r-rikorrenti appellati lkoll bhala ufficjali gholja ta'l-Ezekuttiv tal-MUMN u li ghalihom seta' ghamel referenza l-artikolu mertu ta' dina l-kawza.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddisponi mill-appell interpost billi tilqghu biss fir-rigward tal-ammont tad-danni likwidati mill-ewwel Qorti. Dan fis-sens illi l-intimati appellati qed jigu ikkundannati sabiex ihallsu *in solidum* bejniethom is-

somma ta' €4000 li ghandhom jinqassmu b'mod ugwali bejn r-rikorrenti appellati. Konsegwentement tikkundanna lill-intimati appellanti ihallsu lill-appellati dan l-ammont hekk issa likwidat bl-interessi dekorribbli mil-lum, u allura f'dan is-sens tirriforma s-sentenza appellata. Ghall-kumplament tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez tal-ewwel istanza ghandhom jibqghu kif gja decizi mill-ewwel Qorti. Dawk tal-istanza prezenti ghandhom jigu sopportati kwantu ghal tliet kwarti mill-appellanti u kwantu ghal kwart mill-appellati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------